MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Numru. 101/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**KONTRA**

**RITA MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Rita Micallef ta’ 44 sena, bint Angelo Saliba u Mary nee’ Borg, mwielda Pieta’ nhar is- 7 ta’ Settembru 1965, residenti 29, Triq Alosio, Qormi u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 428865(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- 21 ta' Jannar 2010 u fit- tliet xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, ikkommettiet serq ta' flus minn gewwa l- fond 58, Triq Antonio Muscat Fenech, Qormi ghad- detriment ta' Francesco u Mary Attard, liema serq huwa kwalifikat bil- valur, bil- persuna u bil- lok;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata irregistrat ammissjoni f' din il-kawza hekk kif inbdew dawn il-proceduri kontra taghha. Il-Qorti fil-fatt giet infurmata wkoll li l-imputata kienet lahqet ftehim mad-derubati, Francesco u Mary Attard, u kienet gia' hallset parti mill-flus li hi serqet minn ghandhom, it-total ta' elfejn Ewro (€2,000). Il-ftehim ghalhekk kien fis-sens li hi, ladarba kienet hallset sitt mitt Ewro (€600) qabel ma bidet din il-kawza, kellha thallas il-bilanc ta' elf u erba' mitt Ewro (€1,400) f' pagamenti mensili ta' tlitt mitt Ewro (€300), biex l-ammont kollu jkun thallas lura sa hames xhur ohra. Ghalhekk il-Qorti, sabiex tassigura ruhha lid an l-ammont effettivament jithallas lid-derubati Attard, ser torbot lill-imputata b' Ordni ta' Probation ghal zmien sena, b'dan illi jekk l-imputata tfalli pagament wiehed, hi tigi immedjatament iddenunzjata quddiem din l-istess Qorti

mill-Ufficjal tal-Probation taghha u tinghata piena ta' prigunerija effettiva. Il-Qorti tawgura li ma jkollhiex ghalfejn taghmel hekk mal-imputata, izda dan ser jiddependi minn kemm hi lesta toqghod ghal din il-kundizzjoni u tottempera ruhha mal-ftehim li hi stess ghamlet mas-sinjuri Attard.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 268, 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tordna li l-imputata titqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sena.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------